



Brussell, 23 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14540/18

LIMITE

JAI 1171
COPEN 404
DROIPEN 182
GENVAL 40
CATS 87
EUROJUST 152
EJN 46
EJUSTICE 157

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 14194/18	
Suġġett:	Rikonoxximent reċiproku f'materji kriminali - Konklużjonijiet - Adozzjoni

Fil-laqgħa tal-CATS tal-21 ta' Novembru, id-delegazzjonijiet laqgħu b'mod ġenerali l-abbozz ta' konklużjonijiet dwar ir-rikonoxximent reċiproku kif ippreżentat mill-Presidenza (dok. 14194/18).

Fid-dawl tal-kummenti magħmula minn diversi Stati Membri u l-Kummissjoni, il-Presidenza abbozzat mill-ġdid il-konklużjonijiet, ara t-test fl-Anness. Il-bidliet huma mmarkati b'tipa **grassa** u (...).

Il-Kunsill huwa mistieden jadotta dawn il-konklużjonijiet u jiddeċiedi li jippubblikahom f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE*.

(abbozz)

Konklużjonijiet tal-Kunsill

"Promozzjoni tar-rikonossiment reċiproku bit-tisħiħ tal-fiduċja reċiproka"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Filwaqt li jfakkar li skont l-Artikolu 82(1) TFUE, il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fl-Unjoni hija bbażata fuq il-prinċipju ta' rikonossiment reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji;

Filwaqt li jinnota li fl-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju, awtorità kompetenti fi Stat Membru wieħed tibgħat sentenza jew deċiżjoni ġudizzjarja lil awtorità kompetenti fi Stat Membru ieħor, li mbagħad teżegwixxi dik id-deċiżjoni bħallikieku kienet tagħha stess (soġġett għar-regoli applikabbli), **bil-fehim li hemm approċċ ġdid fil-proposta dwar l-evidenza elettronika¹**;

Filwaqt li jafferma li l-prinċipju tar-rikonossiment reċiproku huwa bbażata fuq il-fiduċja reċiproka żviluppata permezz tal-valuri komuni tal-Istati Membri dwar ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, b'mod li kull awtorità jkollha fiduċja li l-awtoritajiet l-oħra japplikaw standards ekwivalenti ta' protezzjoni ta' drittijiet fis-sistemi kollha tal-ġustizzja kriminali tagħhom;

Filwaqt li jenfasizza li d-dritt għal proċess ġust, inkluż, inter alia, ir-rekwiżit tal-indipendenza ġudizzjarja, huwa ta' importanza kardinali għall-protezzjoni effettiva ta' drittijiet fundamentali, billi jiggarrantixxi l-protezzjoni tad-drittijiet individwali kollha li jirriżultaw mil-liġi tal-UE u dik nazzjonali kif ukoll is-salvagwardja tal-valuri komuni tal-Istati Membri kif stipulat fl-Artikolu 2 TUE, b'mod partikolari l-istat tad-dritt;

¹ COM/2018/225 final - 2018/0108 (COD) (Regolament) u COM/2018/226 final - 2018/0107 (COD) (Direttiva).

Filwaqt li jinnota li diversi kwistjonijiet - **b'mod partikolari** dawk ta' natura Prattika (...) jew ta' natura politika - jistgħu jtellfu l-fiduċja reċiproka, u li għalhekk huwa meħtieġ sforz kontinwu biex din il-fiduċja titrawwem u tissaħħaħ;

Filwaqt li jqis li kwistjonijiet bħal dawn huma relatati, inter alia, ma' differenzi fl-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni, l-istat tad-dritt, u oqsma b'sensittività partikolari fir-rigward tad-drittijiet fundamentali, bħalma huma l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni u t-tul tad-detenzjoni ta' qabel proċess;

Filwaqt li jfakkar fil-laqgħa informali tagħhom fit-12 u t-13 ta' Lulju 2018, il-Ministri ddiskutew l-iżviluppi reċenti li jippreżentaw sfidi għall-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku, kif ukoll il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE (QĠUE);

Filwaqt li jfakkar ukoll li fil-laqgħa tal-CATS tat-18 ta' Settembru 2018, id-delegazzjonijiet iddiskutew dokument tal-Presidenza li jippreżenta l-problemi u l-ostakli li jinqalgħu fir-rigward tal-applikazzjoni ta' strumenti ta' rikonoxximent reċiproku kif ukoll proposti għal azzjonijiet li jistgħu jittieħdu (dok. 11956/18);

Filwaqt li fl-aħħar nett ifakkar li fil-laqgħa tal-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fil-11 ta' Ottubru 2018, il-Ministri taw il-kontribut tagħhom dwar l-aħjar prattiki u l-azzjoni meħuda biex jitjiebu r-rikonoxximent reċiproku u l-fiduċja reċiproka, u dwar miżuri prattiċi u legali meħuda biex jiġu indirizzati l-iżviluppi reċenti, b'mod partikolari l-iżviluppi fil-ġurisprudenza tal-QĠUE u fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (dok. 12492/18);

ADOTTA L-KONKLUŻJONIJIET LI ĠEJJIN:

1. **L-Istati Membri** huma mfakkra li l-effiċjenza u l-effettività tal-istrumenti ta' rikonoxximent reċiproku tal-UE, b'mod partikolari dawk li għandhom il-forma legali ta' Deċiżjonijiet Qafas jew ta' Direttivi, huma fil-biċċa l-kbira dipendenti fuq il-leġislazzjoni nazzjonali rilevanti li qed tiġi abbozzata u adottata f'konformità ma' dawk l-istrumenti;

2. **L-Istati Membri** huma mħeġġa biex jinnotaw l-importanza tal-implimentazzjoni tad-Direttivi dwar id-drittijiet proċedurali² b'mod korrett u f'waqtu bil-ħsieb li jiġi garantit id-dritt għal proċess ġust;

3. **L-Istati Membri** jenħtieġ li jkomplu jiżguraw l-indipendenza u l-imparzjalità tal-qrati u tal-imħallfin, peress li dawn jikkostitwixxu parti essenzjali tad-dritt fundamentali għal proċess ġust kif iggarantit mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta;

4. **L-Istati Membri** huma mfakkra li skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, rifjut ta' eżekuzzjoni ta' deċiżjoni jew sentenza li tkun ingħatat fuq il-bażi ta' strument ta' rikonossiment reċiproku jista' jiġi ġġustifikat biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali, u b'kont meħud li skont il-prinċipju tas-supremazija tal-liġi tal-UE, l-Istati Membri ma jistgħux jitolbu livell ogħla ta' protezzjoni nazzjonali tad-drittijiet fundamentali minn Stat Membru ieħor minn dak previst fil-liġi tal-UE. Bħala konsegwenza, jenħtieġ li kwalunkwe **każ** ta' nuqqas ta' **eżekuzzjoni** abbażi ta' ksur tad-drittijiet fundamentali, jiġi applikat b'mod restrittiv, skont l-approċċ żviluppat mill-QĠUE fil-ġurisprudenza tagħha;

5. **L-Istati Membri** huma mħeġġa li jkollhom leġislazzjoni fis-seħħ li tippermetti, fejn xieraq, li jsir użu minn miżuri alternattivi għad-detenzjoni sabiex titnaqqas il-popolazzjoni fil-faċilitajiet tad-detenzjoni tagħhom, u b'hekk jintlaħaq l-għan ta' riabilitazzjoni soċjali kif ukoll jiġi indirizzat il-fatt li l-fiduċja reċiproka hija ta' spiss imfixkla mill-kundizzjonijiet ħżiena ta' detenzjoni u l-problema tal-popolazzjoni eċċessiva fil-ħabsijiet;

6. **L-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea** huma mħeġġa jippromwovu t-taħriġ kontinwu tal-imħallfin, tal-prosekuturi u prattikanti oħra, inkluż fil-qasam tad-drittijiet fundamentali fil-proċedimenti kriminali, billi dan jista' jtejjeb l-applikazzjoni tal-istrumenti tal-UE bbażati fuq ir-rikonossiment reċiproku, biex titrawwem il-fiduċja reċiproka fil-qasam ġudizzjarju Ewropew permezz tal-organizzazzjoni ta' seminars ta' taħriġ ġudizzjarju u skambji, u biex tingħata l-konsiderazzjoni dovuta lill-finanzjament adegwat tal-attivitajiet ta' taħriġ f'dan il-qasam fil-livell nazzjonali u dak Ewropew, speċjalment dawk organizzati min-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN);

² Id-Direttivi 2010/64, 2012/13, 2013/48, 2016/343, 2016/800 u 2016/1919 għall-Istati Membri marbuta bihom.

7. **L-Istati Membri** huma mħeġġa jinnominaw prattikanti - **li jistgħu jkunu punti ta' kuntatt nazzjonali għan-Netzwerk Ġudizzjarju Ewropew (NĠE)** - fil-ġurisdizzjoni tagħhom bħala speċjalisti fil-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali sabiex ikunu jistgħu jassistu (...) lil prattikanti oħra fl-applikazzjoni tal-istrumenti rilevanti kollha, inkluż strumenti tal-UE bbażati fuq il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku;
8. **L-Istati Membri** huma mħeġġa, fejn possibbli bl-appoġġ ta' finanzjament tal-UE, jippromwovu skambji bejn prattikanti ta' Stati Membri differenti u jistimulaw kuntatti oħra bejn tali prattikanti, billi dan jista' jsaħħaħ il-fiduċja reċiproka u jippromwovi l-applikazzjoni effiċjenti tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku;
9. **L-Istati Membri** huma mħeġġa jikkondividu l-aħjar prattiki biex itejbu r-rikonoxximent reċiproku u l-fiduċja reċiproka, inkluż f'COPEN jew fil-CATS;
10. **L-Istati Membri** huma mħeġġa jistabbilixxu linji gwida (mhux vinkolanti) dwar l-applikazzjoni ta' strumenti ta' rikonoxximent reċiproku tal-UE sabiex jgħinu lill-prattikanti jifhmu kif il-leġislazzjoni nazzjonali li timplimenta l-istrumenti tal-UE għandha tiġi interpretata u applikata;
11. **L-Istati Membri** huma **mistiedna** jħeġġu lill-prattikanti jagħmlu użu sħiħ mill-possibilitajiet tan-NĠE u l-Eurojust, f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom, biex jgħinu lill-prattikanti fil-ġestjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali,
12. **L-Istati Membri** huma **b'mod partikolari** mistiedna jħeġġu lill-prattikanti biex jużaw l-għodod prattiċi għall-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-forom u ċ-ċertifikati (elettroniċi) ta' strumenti ta' rikonoxximent reċiproku li huma disponibbli fuq is-sit web tan-NĠE, peress li dan jista' jiffaċilita l-applikazzjoni ta' dawn l-istrumenti;

12a. L-**Istati Membri** huma mistiedna jħeġġu lill-prattikanti li jaġixxu bħala awtoritajiet ta' eżekuzzjoni fi proċeduri ta' rikonossiment reċiproku biex jidħlu fi djalogu u konsultazzjonijiet diretti mal-awtoritajiet emittenti fi Stati Membri oħra **kull meta dan ikun xieraq**, b'mod partikolari qabel ma jikkunsidraw li ma jirrikonossux jew jeżegwixxux deċiżjoni jew sentenza li tintbagħat fil-kuntest ta' proċeduri bħal dawn;

13. L-**Istati Membri** huma mistiedna jiżguraw li l-Punti ta' Kuntatt tan-NĠE jkollhom il-kapaċità biex iwettqu l-kompiti tagħhom bħala Punti ta' Kuntatt tan-NĠE flimkien mad-doveri u l-kompiti regolari tagħhom, kif ġie enfasizzat fir-Rapport Finali tas-Sitt Ċiklu ta' evalwazzjonijiet reċiproċi (Rakkomandazzjoni Nru 7), sabiex in-NĠE jkun jista' jkompli jeżerċita l-kompitu tiegħu b'mod effettiv, inkluż fil-qasam tar-rikonossiment reċiproku;

13a. L-Istati Membri li jkunu għamlu dikjarazzjoni (riżerva) fir-rigward ta' strument ta' rikonossiment reċiproku huma mistiedna jivverifikaw jekk it-tali dikjarazzjoni tistax tiġi rtirata, sabiex titrawwem applikazzjoni uniformi tal-istrument ikkonċernat;

14. L-**Istati Membri** huma mistiedna jippromwovu l-partekipazzjoni attiva ta' rappreżentanti kompetenti fil-konferenza dwar il-popolazzjoni eċċessiva fil-ħabsijiet li ser tiġi organizzata mill-Kunsill tal-Ewropa, bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea, fl-24 u l-25 ta' April 2019, kif ukoll fil-konferenza dwar l-isfidi attwali għas-sistemi penitenzjarji Ewropej li ser issir taħt il-Presidenza Rumena tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea;

15. L-**Istati Membri** u l-**Kummissjoni** huma mistiedna jistabbilixxu bħala kwistjoni ta' prijetà s-Sistema tal-Iskambju Diġitali ta' Evidenza elettronika bħala mod sigur biex jintbagħtu t-talbiet u r-risposti tal-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea u l-MLA;

15a. Il-**Kummissjoni** hija mistiedna tagħmel użu mill-kompetenzi tagħha, fejn xieraq, biex jiġi żgurat li l-istrumenti tal-UE dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u d-drittijiet proċedurali jiġu implimentati fil-ħin u b'mod korrett;

16. Il-**Kummissjoni** hija mistiedna tipprovdi gwida prattika dwar (...) il-ġurisprudenza reċenti tal-QĠUE, notevolment il-ġurisprudenza *Aranyosi*, kif ukoll dwar fejn jistgħu jinsabu sorsi rilevanti għall-prattikanti li jkun fihom informazzjoni oġġettiva, affidabbli u aġġornata b'mod xieraq dwar l-istituzzjonijiet penitenzjarji u l-kundizzjonijiet tal-ħabsijiet fl-Istati Membri;

17. Il-**Kunsill** jistieden lill-Istati Membri biex jikkunsidraw arranġamenti għat-traduzzjoni tal-Iskeda informattiva tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Kundizzjonijiet ta' detenzjoni u t-trattament tal-priġunieri fil-lingwa uffiċjali tagħhom u biex joffru dawn it-traduzzjonijiet lill-Kunsill tal-Ewropa għall-pubblikazzjoni fuq is-sit web tiegħu³;

18. Il-**Kummissjoni** hija mistiedna biex, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, tiżviluppa aktar u taġġorna regolarment il-manwal tagħha dwar il-mandat ta' arrest Ewropew, inkluż billi tiegħu kont tal-ġurisprudenza reċenti tal-QĠUE u l-aħjar prattiki għall-applikazzjoni korretta tagħha, u biex tiżviluppa manwali dwar l-istrumenti l-oħra ta' rikonoxximent reċiproku ladarba jkunu implimentati bis-sħiħ mill-Istati Membri, eż. id-Deċiżjonijiet Qafas dwar sanzjonijiet ta' kustodja⁴ u dwar il-probation⁵, kif ukoll, fil-futur, id-Direttiva dwar l-OIE⁶ u r-Regolament dwar ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska⁷, sabiex jiġu promossi l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni korretta ta' dawn l-istrumenti;

19. Il-**Kummissjoni** hija mistiedna tikkomunika n-notifiki mill-Istati Membri dwar l-istrumenti ta' rikonoxximent reċiproku tal-UE u strumenti oħra rilevanti għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali f'mill-inqas lingwa waħda tal-UE li tintfieh minn kulħadd lin-NĠE, **sabiex dan ikun jista' jippubblikahom fuq is-sit web tiegħu**;

³ AT timpenja ruħha li twettaq it-traduzzjoni tal-Iskeda informattiva tal-KtE dwar il-Kundizzjonijiet ta' detenzjoni u t-trattament tal-priġunieri għall-Ġermaniż u li toffri din it-traduzzjoni - wara koordinazzjoni mal-pajjiżi l-oħra li jikkellmu l-Ġermaniż - lill-KtE għall-pubblikazzjoni fuq is-sit web tiegħu. Il-Presidenza tistieden lill-Istati Membri l-oħra biex isegwu dan l-eżempju.

⁴ Id-Deċiżjoni Qafas 2008/909.

⁵ Deċiżjoni Qafas 2008/947.

⁶ Direttiva 2014/41.

⁷ Ir-Regolament iffirmit fl-14 ta' Novembru 2018 u li għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fit-28 ta' Novembru 2018.

20. Il-**Kummissjoni** hija mħeġġa tkompli torganizza laqgħat ma' esperti u prattikanti biex jiġu diskussi kwistjonijiet relatati mar-rikonoxximent reċiproku, iżżid il-frekwenza u l-intensità ta' dawn il-laqgħat, jekk jitqies utli, u biex l-eżitu ta' laqgħat bħal dawn isir disponibbli għall-prattikanti;
21. Il-**Kummissjoni** hija mistiedna tippromwovi li jsir l-aħjar użu tal-fondi (...) taħt il-programmi finanzjarji tal-UE, **fil-każ li dawn isiru disponibbli**, sabiex **tissaħħaħ u tiġi promossa l-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri**, **inkluż sabiex** jiġu modernizzati l-faċilitajiet ta' detenzjoni fl-Istati Membri u biex jiġu appoġġati l-Istati Membri fl-indirizzar tal-problema tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni defiċjenti, peress li dan jista' jkun ta' detriment għall-applikazzjoni tal-istrumenti ta' rikonoxximent reċiproku;
22. Il-**Kummissjoni**, il-**Kunsill** u l-**Parlament Ewropew** huma mħeġġa jabbozzaw strumenti dwar ir-rikonoxximent reċiproku, inkluż il-forom u ċ-ċertifikati, b'mod aktar ċar, preċiż u faċli għall-utent, u li jfittxu li jkun hemm aktar konsistenza f'tali abbozzar, sabiex jiffaċilitaw l-applikazzjoni ta' dawn l-istrumenti mill-prattikanti. Fejn xieraq, għandu jintalab appoġġ mill-Eurojust u n-NĠE f'dan is-sens;
23. Il-**Eurojust** hija mħeġġa tkompli l-ħidma operazzjonali u strateġika tagħha b'rabta mal-istrumenti ta' rikonoxximent reċiproku sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni ta' dawn l-istrumenti;
24. Il-**Eurojust** u n-NĠE huma mistiedna jkomplu jkollhom rwol attiv fl-indirizzar tal-ostakli għar-rikonoxximent reċiproku u fl-identifikazzjoni tal-aħjar prattiki u li jkomplu jagħtu attenzjoni regolari lill-istrumenti ta' rikonoxximent reċiproku fil-laqgħat tagħhom mal-prattikanti;
25. In-NĠE huwa mħeġġeġ ikompli jtejjeb is-sit web tiegħu b'informazzjoni prattika dwar strumenti ta' rikonoxximent reċiproku, fost affarijiet oħra, peress li dan wera li huwa għodda utli ħafna għall-prattikanti;

26. L-**EJTN** huwa mheggegħ ikompli jorganizza taħriġ dwar il-liġi tal-Unjoni, inkluż dwar ir-rilevanza tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali għall-funzjonament ta' strumenti ta' rikonoxximent reċiproku f'materji kriminali, u l-iskambji bejn il-prattikanti;

27. Il-**Kunsill** huwa mistieden jagħżel it-tliet prattiki ta' ċerti strumenti ta' rikonoxximent reċiproku bħala s-suġġett għad-disa' ċiklu ta' evalwazzjonijiet reċiproċi;

28. Il-**Presidenza** hija mistiedna tkompli tiddedika attenzjoni xierqa, inkluż fil-livell politiku, lill-kwistjoni tar-rikonoxximent reċiproku u l-fiduċja reċiproka, b'mod partikolari billi tiżgura skambju regolari ta' fehmiet dwar dan is-suġġett, sabiex tippromwovi l-applikazzjoni tal-istrumenti abbażi tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku.
